Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 78/2016

**James Agius (appellant)**

**Vs**

**Transport Malta u b'digriet tat-30 ta' Jannar 2017 gie korrett ghall-Awtorita ghat-Trasport f'Malta (appellat)**

22 ta' Settembru, 2017.

1. Ir-rikorrent kien ippropona proceduri fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva wara li kien ircieva avviz datat 2 ta' Dicembru, 2016 minghand l-intimata li kienet giet rifjutata l-applikazzjoni ghat-tigdid ta' permess ta' xufier skont ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994). Ir-raguni li nghatat fl-avviz hi:

*"Inghatajt sentenza u cioe' fil-15 ta' Dicembru, 2015 ghax tkun instabt hati matul l-ahhar sentejn, ta' reati l jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali".*

2. B'sentenza tas-6 ta' Marzu, 2017 it-Tribunal cahad it-talba tar-rikorrent ghar-revoka tad-decizjoni tal-intimata. Filwaqt li ghamel riferenza ghar-regolament 130A(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur), it-Tribunal osserva:

*"Illi minn qari tas-sentenza tal-2015 jirrizulta illi r-rikorrent effettivament instab hati ta' reati li ghandhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali, ghalkemm il-piena nflitta hija wahda de minimis. Illi ghalhekk, a differenza fejn persuna li tkun instabet hatja tinghata ordni ta' probation jew inkella tigi liberata b'kundizzjoni jew minghajrha, fejn f'dan il-kaz l-Awtorita` ma tistax iccahhad lill-applikant mit-tag ghaliex sanzjoni komunitarja jew liberta kundizzjonata jew minghajr kundizzjoni ma jistghux jitqiesu bhala dikjarazzjoni ta' htija ai termini tal-artikolu 25 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dan il-kaz it-Tribunal ma jistghax jinterpreta mod iehor il-piena ta' twiddiba ghajr li hija dikjarazzjoni ta' htija.*

*Illi t-Tribunal josserva wkoll illi m'hemm l-ebda bilanc bejn is-subinciz (a) u (b) tar-Regolament 130A (4) ghax filwaqt li s-subinciz (a) jitkellem fuq piena minima ta' tlett xhur prigunerija jew multa minima ta' erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centemzu (€465.87), wiehed jista' jkun in kontravvenzjoni ta' subinciz (b) anke jekk perezempju ma jkollux liċenzja mhux imwaħħla mal-windscreen li ggorr piena ta' ammenda ta' tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.39). Illi ghar-reati mwettqa mirrikorrent huwa seta' jehel sa massimu ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur u ammenda ta' erbgha u*

*tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€34.94). B'hekk jidher car li hemm diskrepanza kbira bejn sub-regolament u iehor li abbazi tieghu l-Awtorita` tista' tichad it-tigdid tat-tag.*

*Illi wara li dan it-Tribunal ghamel dawn ir-riflessjonijiet, u ha in konsiderazzjoni l-argumenti tar-rikorrent ma jistax ma josservax illi l-kriterju ta' kondotta tajba ai termini tar-Regolament 130A (4) (b) huwa wiehed oneruz hafna tant illi mal-inqas kontravvenzjoni li jikkometti xufier li jkollu t-tag, u jinstab hati jitlef l-istess tag, liema tag ghal hafna xufiera tfisser il-hobza ta' kuljum. Illi madankollu dan it-Tribunal ghandu jdejh marbutin ghax il-ligi ma taghti lok ghal ebda interpretazzjoni ohra. Irid ikun il-legislatur li jillegisla mod iehor jekk ihoss li dan ghandu jkun il-kaz. Ghal dan il-ghan dan it-Tribunal se jordna komunika ta' din is-sentenza lill-Ministru koncernat.*

*Ghaldaqstant, in vista li fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, l-Awtorita` intimata applikat dak li tiddetta l-ligi b'mod oggettiv, bl-ebda mod ma jista' jinghad li ddecizjoni taghha kienet wahda mhux ritwali".*

3. L-appellant appella mis-sentenza. L-aggravju hu li dak li qieghed jissejjah li hu reat kien semplici kontravenzjoni, cjoe' li bi svista ma geddidx il-licenzja tas-sewqan tieghu. Il-kaz qatt ma kellu jitqies bhala reat u d-decizjoni hi zbaljata u fl-aghar ipoteżi tassew eċċessiva meta tqies li għandu bżonn tal-liċenzja għax-xogħol tiegħu li hu l-uniku mezz ta' ghixien ghalih u l-familja.

4. L-appellata wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. B'sentenza tal-15 ta' Dicembru, 2015 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex lill-appellant hati li fil-25 ta' Gunju, 2015 kien saq vettura minghajr ma kellux licenzja tas-sewqan u talli naqas milli jgedded il-licenzja tas-sewqan. L-appellant **ammetta** u l-qorti semplicement taghtu twiddiba.

6. L-appellant xehed li kien nesa jgedded il-licenzja tas-sewqan. Id-decizjoni tal-appellata wasslet sabiex ma nghatax it-*tag*, li biha d-detentur ikun jista' jsuq vettura tat-trasport tal-passiggieri ghall-kiri jew bi hlas.

7. Skont regolament 130A(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, permess ta' xufier jinghata fost'kundizzjonijiet ohra lil min *"(b) fil-fehma tal-Awtorita' jkollu kondotta tajba"*. Imbaghad regolament 130A(4) jipprovdi li:

*"Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk….*

*(a) tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87).*

***(b) tkun instabet hatja, matul l-ahhar sentejn, ta' reati li jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali"*.**

Ghall-hrug ta' *tag* mill-appellata, hi l-ligi stess li tistabbilixxi kazijiet specifici li fihom persuna ghandha titqies li mhijiex ta' kondotta tajba. F'dawk il-kazijiet l-Awtorita' m'ghandha l-ebda diskrezzjoni u ma setatx tikkunsidra lill-appellant bhala li kellu kondotta tajba. Alternattivament tkun hadet decizjoni kontra dak li tghid il-ligi.

8. Skont artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), min isuq vettura minghajr licenza ta' sewqan ikun hati ta' reat u jehel piena li l-massimu taghha hu tliet xhur prigunerija. Min isuq vettura minghajr ma jkun gedded licenzja hu wkoll hati ta' reat (ara artikolu 62 tal-Kap. 65) u jehel ammenda (ara t-Tieni Skeda). F'dan il-kaz hemm sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li hi gudikat u l-appellata m'ghandhiex kompetenza li tistharreg id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

9. Ghaldaqstant hu evidenti li fid-decizjoni t-Tribunal applika l-ligi u ghalhekk m'hemmx raguni valida ghalfejn l-appell ghandu jintlaqa'.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.